# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 23 ta' Ottubru 2019**

**Talba Numru 32/2019SFJ**

***Fiona Zammit* (447076M)**

***vs.***

***Malcolm Dimech* (391673M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-25 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu l-attriċi ippremettiet u talbet:

- Illi l-intimat għandu jħallasha s-somma ta' ħames mitt Ewro (€500.00) rappreżentanti l-arretrati ta' manteniment għal bint il-kontendenti, Rachelle Dimech, għall-perjodu bejn Lulju u Diċembru 2017.

- Illi għalkemm debitament interpellat sabiex iħallas l-ammont relattiv, l-intimat baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

- Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fl-20 ta' Marzu 2019 li fiha ġie eċċepit:

- Illi fl-ewwel lok, l-attriċi għandha tressaq provi li tali manteniment kien dovut għall-perjodu minnha indikat, jiġifieri bejn Lulju u Diċembru 2017.

- Illi fit-tieni lok, l-attriċi għandha tipprova li tali manteniment kien dovut lilha fil-perjodu indikat fit-talba tagħha.

- Illi fil-kumplament, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tal-25 ta' Settembru 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-23 ta' Ottubru 2019.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

Fl-udjenza tad-29 ta' April 2019 xehed **Ray Mangion**, rappreżentant tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (*MCAST*), prodott mill-attriċi. Taħt ġurament huwa qal li kien intalab jagħti dettalji jekk fil-perjodu bejn Lulju u Diċembru 2017, Rachelle Dimech kinitx studenta fi ħdan il-Kulleġġ. Mangion spjega li n-numru tal-karta tal-identità tal-istudenta kien ikkwotat ħażin u kompla jispjega li bejn Lulju u Settembru jkun hemm il-vaganzi tas-sajf. Is-sena skolastika hija bejn Ottubru u Lulju. Skont Mangion, f'Ottubru tal-2017 Rachelle Dimech kienet studenta u sal-aħħar ta' Diċembru, l-attendenza tagħha naqset. In-nuqqas ta' attendenza bdiet tiżdied għall-ħabta tal-bidu ta' Diċembru 2017. Huwa ippreżenta d-dettalji tal-attendenza immarkat dokument RM1.

Il-Kulleġġ ma kienx jaf jekk Rachelle Dimech kinitx bdiet taħdem, iżda jekk kienet bdiet taħdem, ovvjament ma setgħetx tmur l-iskola u taħdem fl-istess ħin. Kienet prerogattiva tal-istudent li jinforma lill-iskola li jkun beda jaħdem.

Rigward l-*attendance sheets*, Mangion qal li wieħed kellu jħares lejn is-sigħat ta' assenza. Jekk kien hemm raġuni għall-assenza, l-istudenta tkun immarkata skużata, filwaqt li jekk ma tingħatax raġuni l-assenza titqies mhux ġustifikata. L-indirizz ta' Rachelle Dimech kien *Binja Msieraħ, Ent. B, Flat 5, Triq Ismek Tifħirek, San Ġwann*.

It-Tribunal ra l-ewwel faċċata tad-dokument RM1 (fol. 16) u osserva li bejn is-16 ta' Ottubru 2017 u l-1 ta' Ġunju 2018, Rachelle Dimech kienet assenti għal madwar erbgħa u sittin fil-mija (64%) tal-kors relattiv fi ħdan l-*Institute of Community Services*.

Fl-udjenza tal-20 ta' Mejju 2019 xehdet l-attriċi. Hija xehdet li ż-żwieġ tagħha mal-konvenut kien ġie annullat u kellha kuntratt li ippreżentat u li ġie mmarkat dokument FZ1. Hija ikkonfermat li l-konvenut kien għamel pagament f'Lulju 2017 u kellu jagħtiha pagamenti għal Awwissu, Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru 2017. L-ammont kif mitlub fl-Avviż tat-Talba ġie ikkonfermat ukoll. Saret referenza għal *chat* li bint l-attriċi kellha ma' persuna oħra u li ġew ippreżentati u immarkati dokument FZ2. Ġew ippreżentati wkoll erba' ritratti immarkati dokument FZ3, li kienet kopja ta' karta tal-identità tal-istudenti maħruġa mill-*MCAST* li tikkonferma li bint l-attriċi għadha tistudja.

Fil-kontro-eżami, l-attriċi ikkonfermat li għall-ewwel, il-konvenut kien obbligat iħallas sebgħin Ewro (€70.00) fix-xahar iżda mbagħad, beda jħallasha mitt Ewro (€100.00) fix-xahar. Madankollu, ix-xhud ma setgħetx tikkonferma li kien hemm sentenza jew digriet ta' xi qorti li ordnat lill-konvenut sabiex jibda jħallas lill-attriċi mitt Ewro (€100.00) fix-xahar minflok sebgħin Ewro (€70.00) fix-xahar.

Rigward ir-residenza ta' bint l-attriċi, irriżulta li għalkemm ir-residenza ordinarja tat-tifla kienet mal-omm, it-tifla kienet tgħaddi madwar lejl wieħed fil-ġimgħa mal-*boyfriend* tagħha. Ix-xhud ikkonkludiet billi enfasizzat li bintha ma kinitx taħdem.

Fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2019 xehdet **Rachelle Dimech**, prodotta mill-konvenut. Hija xehdet li kienet bint il-partijiet u li kienet spiċċat l-iskola fit-8 ta' Diċembru 2017. Dimech ikkonfermat li kienet tattendi kors tal-*hairdressing* fl-*MCAST*. Fl-10 ta' Diċembru 2017 Dimech qalet li ommha (l-attriċi) keċċietha mid-dar. Qabel it-tkeċċija, ix-xhud kienet tgħix għand il-*boyfriend* tagħha fil-*weekends* u l-bqija tal-ġranet għand ommha. Fil-kontro-eżami, ix-xhud ikkonfermat li bejn Lulju u Diċembru 2017 hija kienet tgħix għand ommha ħlief għall-*weekends* li kienet tagħmel għand il-*boyfriend* tagħha.

Fl-istess udjenza sar il-kontro-eżami tal-attriċi. Għalkemm hija irreferiet diversi drabi għal kawżi oħrajn, fl-aħħar mill-aħħar qablet li ma kien hemm ebda sentenza, digriet jew provvediment ieħor li jieħu post il-kuntratt ta' separazzjoni a fol. 42 sa 44 tal-proċess. L-attriċi qalet li għalkemm hi kellha tieħu tmienja u sebgħin Ewro (€78.00) fix-xahar, mis-sena 2005 sas-sena 2017 (meta bintha għalqet tmintax-il sena), il-konvenut kien iħallas mitt Ewro (€100.00) fix-xahar.

Fl-istess udjenza xehed il-konvenut. Huwa qal li għalkemm kien obbligat iħallas tmienja u sebgħin Ewro (€78.00) fix-xahar, minn jeddu ddeċieda li jħallas lill-attriċi mitt Ewro (€100.00) fix-xahar. Fil-kontro-eżami, meta mistoqsi għaliex waqaf iħallas mitt Ewro (€100.00) lill-attriċi u ma ħallasx bejn Lulju u Diċembru 2017, huwa qal li meta għalqet tmintax-il sena, binthom kienet bdiet taħdem 'l hawn u 'l hemm iżda mhux uffiċjalment. Billi t-tifla ma kinitx tgħix miegħu, ma kienx jaf kinitx tmur skola jew le.

<u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

It-Tribunal jirreferi għall-klawsola numru sitta (6) tal-kuntratt relattiv (fol. 42 sa 44) u josserva li dan jgħid hekk:

> *"Il-komparenti konjuġi Dimech jaqblu li r-raġel għandu jkollu dritt ta' aċċess liberu għat-tfal. Il-partijiet qed jaqblu li r-raġel iħallas is-somma ta' tmienja u ħamsin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (EUR58.23) ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin Lira Maltin (Lm25) manteniment fil-ġimgħa għat-tlett itfal minuri. Din ir-retta alimentarja ġiet stabbilita mill-partijiet in vista tal-assenjazzjoni in toto ta' sehem ir-raġel mid-dar lill-mara. B'dan illi l-partijiet qed jaqblu li r-raġel iħallas mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233/Lm100) fil-ġurnata tas-sittax (16) ta' kull xahar."*

Il-kawża kif proposta mill-attriċi hija ċara fis-sens li huwa mitlub il-manteniment għat-tifla Rachelle Dimech <u>biss</u>. Għalhekk, sabiex jikkalkula l-ammont dovut, it-Tribunal irid jiddividi s-somma ta' tmienja u ħamsin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) bejn tlieta.

€58.23 ÷ 3 = **€19.41** pagabbli kull ġimgħa fir-rigward ta' Rachelle Dimech <u>biss</u>.

€19.41 × 4 = **€77.64** pagabbli kull xahar fir-rigward ta' Rachelle Dimech <u>biss</u>.

L-Art. 3B(2)(a) tal-Kodiċi Ċivili jgħid li d-dmir tal-ġenituri li jmantnu lil uliedhom jibqa' ferm u bla mittiefes kemm-il darba l-wild in kwistjoni jkun:

i. F'taħriġ jew edukazzjoni *full time*; **u**
ii. Taħt l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena.

Dawn iż-żewġ kriterji huma kumulattivi u mhux alternattivi.

Mid-dokument RM2 (fol. 29), li huwa kopja ta' formola tal-*MCAST* iffirmata minn Rachelle Dimech, jidher li l-istess Rachelle twieldet fit-30 ta' Lulju 1999. Għalhekk, hija għalqet tmintax-il sena fit-30 ta' Lulju 2017.

Għalhekk, sabiex l-azzjoni tal-attriċi tirnexxi, l-attriċi trid tipprova li wara t-30 ta' Lulju 2017, binthom Rachelle Dimech kienet għadha f'edukazzjoni *full time*.

Mix-xhieda jirriżulta hekk:

- Rachelle Dimech ġiet aċċettata mill-*MCAST* bħala studenta fid-19 ta' Settembru 2017 (ara d-dokument a fol. 29).

- L-*attendance sheets* ippreżentati (fol. 16 sa 28) jindikaw li effettivament, il-korsijiet jew *modules* relattivi bdew fis-16 ta' Ottubru 2017.

Għalhekk, bejn it-30 ta' Lulju 2017 (għeluq snin Rachelle Dimech) u d-19 ta' Settembru 2019, Rachelle Dimech kienet maġġorenni iżda mhux studenta. Dan ifisser li għal dak il-perjodu, ebda manteniment ma hu dovut. *Se mai*, il-manteniment huwa dovut għall-perjodu bejn id-19 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru 2017.

Għalkemm il-konvenut qal li bintu kienet bdiet taħdem iżda mhux uffiċjalment, m'hemm ebda prova konkreta ta' dan. Saret referenza għall-fatt li Rachelle Dimech naqset li tattendi għal madwar żewġ terzi tal-kors kollu. Meta xehdet Rachelle Dimech u ġiet ikkonfrontata b'dan, hija qalet li l-mod kif l-*MCAST* kien jieħu l-attendenza kien wieħed li jindika li persuna titqies assenti jekk tasal tard u skontha, il-metodu kif titkejjel l-attendenza kien jikkontribwixxi ferm għar-rata għolja ta' assenza murija fir-*records* tagħha.

It-Tribunal josserva li għalkemm l-attendenza tul il-kors kienet fqira, ma jeżistux provi li juru li Rachelle Dimech kienet effettivament impjegata jew li *de facto*, kellha xi dħul li jista' jitqies daqs jew komparabbli ma' dak ta' impjieg.

L-attriċi xehdet (fol. 58 u 59) li mis-sena 2005 'il quddiem, il-konvenut minn jeddu żied il-pagamenti għal mitt Ewro fix-xahar minflok tmienja u sebgħin Ewro fix-xahar. Dan ifisser li għal iktar minn għaxar snin, l-attriċi rċeviet madwar tnejn u għoxrin Ewro żejda kull xahar. Ikkalkulat mill-bidu tas-sena 2006 sa' Ġunju 2017 (mija u tmienja u tletin xahar), din is-somma żejda fix-xahar tammonta għal tlett elef u sitta u tletin Ewro (€3,036).

Għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, billi l-konvenut minn jeddu ddeċieda li jħallas iktar milli kien imissu jħallas għal iktar minn għaxar snin, huwa ċertament kopra l-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni u għalhekk, it-Tribunal mhux tal-fehma li t-talba tal-attriċi timmerita li tkun milqugħa.

It-Tribunal josserva li billi ma jidhirx li hemm provi li juru li ġiet ippreżentata xi ittra uffiċjali kontra l-konvenut, huwa ċertament ma jistax jilqa' dik it-talba speċifika.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attriċi.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**